Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 13/2024

**Data tal-laqgħa:** 12 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



MZ
FD

# MINUTI

## 13.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

13.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 12

13.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 12 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mil- mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, li kienet issekondata mil-Kunsillera Loranna Bonnici dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-sindku wassal li kien hemm kommunikat mis-Sinjura Scicluna biex tikri s-sala tal-Kunsill għat- 28 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel li jekk m'hemm xejn imniżżel f'din id-data din tista' tinkera.

13.3.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ħa jagħmel korrispondeza mas-Sinjura Scicluna biex jgħaddilha dan l-kommunikat .

13.3.2 Kien hemm kommunikat mas-Sindku biex persuna li qiegħd mal-entita ta' Lino Spiteri tiġi taħdem il-Kunsill bħala front desk. Fuq dan il-Kunsill qabel li l-ħaddiema tal-Uffiċju jiġu nfurmati u jibda l-proċċess biex dan iseħħ.

13.3.3 Is-Sindku kellu kommunikat mill-iskola Medja ta' Ħal Kirkop biex jingħataw żewġ skips, għaliex għandhom 2 skips mkissrin.

13.3.3.1 Il-Kunsill qabel li dan jiġi diskuss mar-Reġjun biex jaraw hux vijabbli li jingħataw xi skips. Jekk dan mhux possibbli, jinxtara skip wieħed u jingħata dan.



FD m2

13.3.4 Komunikat ieħor li wasal għand is-Sindku kien mingħand s-Sur u s-Sinjura Gusman minħabba l-faċċata ta-dar tagħhom li ħa titwaqqa' u li magħha hemm bozza li qed ħa tiġi affetwata mal-proċess. Peress li din taqa' taħt l-Kunsill huma qed jagħmlu talba biex din tiġi mressqa.

13.3.4.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana ssuġerit li jintbagħat kommunikat lill-SCH biex ikun hemm proċess adegwat kif il-Kunsill ikun jista' jimxi 'l quddiem u jkun jista' jieħu deċizjoni.

13.3.5 Is-sindku rċieva komunikat minn Transport Malta li kien hemm tibdil fuq kif isiru l-permessi tal-Blue Badges. Anke jekk ikun irid isir xi 'refreshing' hemm linji gwida ġodda dwar dan ukoll.

13.3.6 Is-Sindku kellu komunikat ta' aġġornament dwar is-siġra fi Triq San Ġwann li kien hemm clearance mil-entitajiet ta' Infrastructure Malta kif ukoll tal-Enemalta; issa fadal biss clearance min-naħa tas-Servizzi tal-Ilma u jkunu jistgħu jiproċedu bil-qtugħ tas-siġra.

13.3.7 Kien hemm kommunikat min-naħa ta' Project Green li qed joffru 'Pop Up Parks' li jistgħu jintalbu għall-avvenimenti biex jattiraw nies għall-postijiet pubbliċi. Ħa jsiru żewġ avvenimenti fl-14 ta' Mejju u l-14 ta' Ġunju, 2025 biex jippromwovu spazji ta' natura. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dawn l-avvenimenti.

13.3.8 Is-Sindku wasal mozzjoni lill-Kunsillera preżenti li ġiet issekondata mil-Kunsiller Jospeh Schembri biex mill-iskemi li qed jiġu offruti, b'referenza għall-iskema SPI/SCI/03/2025 – Skema Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa il-Kunsill jissieħeb mar- Reġjun Punent għall-attivitajiet tal-Clean Up 2025. Fuq qbil unanimu il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

13.3.9 Sar kommunikat rigward xogħlijiet li tlestew fi Tri Nerik Xerri marbuta ma' post li kien hem garanzija ta' bank fuqhom. Il-Kunisll ġie miltub jagħti 'no objection' biex ikun hemm rilaxxamnet tal-garanzija. Wara li ra d-dokumeti l-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni li din tingħata.

13.3.10 Is-Sindku ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mil-kunsillera Loranna Bonnici, rigwrad l-iskemi li qed joffri ir-Reġjun Punent fosthom:

- Separazzjoni tal-iskart matul il-Festi u Avvenimenti
- Tindif Intensiv
- Litter Bins



FD M2

- Attivitajiet Kulturali
- Skema Letterarja
- Jum il-Ktieb

13.3.10.1 Il-membri b'mod unanimu qablu li l-Kunsill japplika għal dawn il-fondi mar Reġjun Punent.

## 13.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

13. 4.1 Il-Kunsillera Ritienne Caruana staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward ix-xelters. Is-Sindku Matthew Agius Zammit ta' tweġiba li ma kellu l-ebda kommunikat. Rigward dan, il-Viċi Sindku Bernice Caruana ħadet l-inizjativa li tiġbor kemm jista' jkun informazzjoni fuq ix-xelters preżenti biex twassal kommunikat lill-entitajiet rispettivi biex titieħed azzjoni.

13.4.2 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana staqsiet lill-Kunsill biex jiftiehem fuq id-data għall-ġurnata Sqallija mar-residenti. Kien hemm qbil li d-data tkun il-21 ta' Ġunju, 2025.

13.4.2.1 Ħa ssir ukoll laqgħa ma' rappreżentant li jtella' nies Sqallija biex ikun hemm gwida ta' kif tiġi organizzata l-ġita'.

13.4.3 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi waslet kommunikat li wara laqgħa li kella mar-rappreżentant tal-attivitajiet tar-Reġun Punent is-Sur Duncan Caruna, u bi qbil li sar fil-laqgħat preċedenti issa jista' jibda l-proċess għal-evening classes.

13.4.3.1 Għalissa ħa jsir komunikat mal-persuni li ħa jorganizaw il-korsijiet biex tara ir-rispons li jkun hemm.

13.4.4 Il-Kunsiller Joseph Schembri wassal suġġerimmet rigward il-proġett Vjal Kulħadd. Ura x-xewa li meta jsiru l-lamp Posts fil-pjazza dawn ikuni dekorattivi, il-membri kollha qablu ma' dan is-suġġeriment.

13.4.4.1 Ma' din ix-xewqa is-Sindku żied jgħid li important li meta jsir id-dawl dawn ikunu inqas minn 2000Lm biex jiġi evitat tniġġis ta-dawl.



FB

MZ

## 13.5 IrkottaFest

13.5.1 Is-Sindku kellu laqgħa mal- Kumpanija Benna fejn wrew l-intress li jkunu l main sponsors tal-Irkottafest; dan bi qbil li l-Irkottafest tkun esklussivament għalihom. Dan ifisser li jekk ħa jintużaw l-irkotta jew il-ħalib biex isiru xi affarijiet kulinari dawn isiru kollha bil-prodotti tal-Benna. Fuq dan kien hemm qbil mil-Kunsilliera kollha.

13.5.1.1 Il-membri tal-Kunsill qablu wkoll li important li waqt dan l-avvenimnet tinżam it-tradizzjoni.

## 13.6 Vjal kulħadd

13.6.1. Is-Sindku wassal kommunikat fuq Vjal Kulħadd. F'dan il-proġett l-entita ta' Tranport Malta qed tgħid li Triq il-Paroċċa li bħalissa qiegħda '2 ways' trid iġi '1 way'. Il-Kunsill wara li ddiskuta pproponew li tiġi aċċetata kif inhi u l-Kunsill japplika biha.

## 13.7 Aviation Project

13.7.1 Is-Sindku wassal kommunikat li dan il-proġett ħa jkun kollu ffinanzjat mil-MIA bis-somma totali ta €250,000 mifruxa fuq 5 snin bis-somma ta' €50,000 ta' kull sena.

13.7.2 Bħalissa hemm ukoll applikazzjoni mill-LANDS għal devolution biex din tiġi tal-Kunsill.

13.7.3 Ħaġa oħra li ssemmiet kienet li l-upkeep ta' dan il-proġett irid isir mill-Kunsill. Fuq dan il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' rappreżentanti tal-MTA biex naraw jjiprovdux fondi alternattivi lill-Kunsill għalhekk.



FD m2

## 13.8. 5k Walkathon u Maratona

13.8.1 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi waslet xi informazzjoni rigward din l-attivita.

13.8.1.1 Kirkop United ħa jkunu f'kolaborazzjoni.
13.8.1.2 Id-donazzjonijiet ħa jmorru b'riżq id-Dar tal- Providenza.
13.8.1.3 Ma jistax isir ħlas b'sistema onlajn
13.8.1.4 Instab sponsor għat-'timed bibs'
13.8.1.5 Ħa jingħataw medalji u trofej
13.8.1.6 Risk Assessment qieg]ed fil-proċess li jsir
13.8.1.7 Qed jitnedda l-Poster u r-riklam għal din l-attivita'
13.8.1.8 Ir-Rotta hija lesta u konklusiva.

## 13.9 Triq il-Frieres u Triq San Pietru

13.9.1 Qed ikun hemm ħafna tgergir u rapporti fuq dawn iż-żewġ toroq ħabba problemi ta' parkeġġ.

13.9.2 Il-Kunsill iddiskuta u ġie għall-konkulżjoni li ssir laqgħa pubblika għar-residenti ta' dawn it-toroq u jiġi deċiż minn hemm xi jsir fuq il-linji ta' parkeġġ. Ir-residenti għandhom jiġu nfurmati wkoll bil-linji gwida li ħarġu fuq parkeġġ minn TM.

## 13.10 Ilmenti

13.10.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici waslet lment li fi Triq id-29 ta'Mejju kien hemm parking bay ta 3 postijiet ta-parkeġġi u wara li saru xi tiswijiet issa ġie sħiħ u dan qed jiġi limitat għal żewġ parkeġġi.

13.10.1.1 Wara diskussjoni ġie deċiż li ħa jittieħed il-qies ta' dan il-parkeġġ li issa sar wieħed sħiħ biex jekk hemm id-distanza adegwata dan jerġa jinqasam f'parkeġġ maqsum, bil-miżuri u r-regoli l-ġodda.

13.10.2 Ġewwa Triq iż-Żebbiegħ kien hemm xi resdeinti li talbu 2 motor parkings. Il-Kunsill wasal għad-deċiżjoni li ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex dan iseħħ.



fb m2

13.10.3 Ġewwa Triq il-Ħawħ ir-residenti wkoll jixtiequ linji gwida ta' parkeġġ, biex ikun hemm inqas problemi meta jiġu biex jipparkjaw.

13.10.4 Fi Triq il-Kbira qed ikun hemm bosta lmenti fosthom: rigward sanita, puschairs ma jgħaddux mil-bankini u wires ta' high tension mdendlin. Il-Kunsill qed jaġġmle minn kollox biex jittratta kull lment.

13.10.5 Fi Triq il-kbira hemm probelma li fi triq ma jistgħux isiru pjanċi biex tiġi livelizzata t-triq minħabba li t-triq mhux soda biżżejjed u l-kuntrattur qal li jista' jkun hemm kwistjoni ta' Health and Safety. F'dan ir-rigward il-Kunsill tallab la dan ikun bil-miktub biex ikun jista' jiġi rapreżentat lir-residenti .

## 13.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

13.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 160_ kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

13.11.2 Il-Sindku Matthew Agius Zammit resqet mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. _160 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 13.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

13.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 9 t'April, 2025 fil-17:00hrs.

13.12.2 Il-laqgħa ntemmet fit-20.00.

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non inert

**Mozzjoni Ref:** 38 /25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 160 tiġi approvata.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Ritienne Caruana

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Marzu, 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**



FD M

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 39 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 12

| **Proponent** | **Sekondant** |
| --- | --- |
| Bernice Caruana | Loranna Bonnici |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Marzu , 20252

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**



FD MZ

Kunsill Lokali
HAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 40/25/10

**Mozzjoni:** mresqa mmis-Sindku Matthew Agius Zammit u li ġiet issekondata mil-kinsillera loranna Bonnici, rigwrad l-iskemi li qed joffri ir-Reġjun Punent fosthom:

- Separazzjoni tal-iskart matul il-Festi u Avvenimenti
- Tindif Intensiv
- Litter Bins
- Attivitajiet Kulturali
- Skema Letterarja
- Jum il-Ktieb

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Loranna Bonniċi |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Marzu, 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**



FD MZ

**Mozzjoni Ref:** 41/25/10

Mozzjoni: 13.3.8 Biex mill-iskemi li qed jiġu offruti, b'referenza għall-iskema SPI/SCI/03/2025 – Skema Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa il-Kunsill jissieħeb mar- Reġjun Punent għall-attivitajiet tal-Clean Up 2025.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Marzu, 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**